# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 ta' Gunju 2002**

**Numru 3**

**Avviz numru 349/02mm**

**Anne Marie mart Henri Saliba**

**vs**

**Dennis Attard**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenut:

1. Ghall-hlas tas-somma ta' elfejn hames mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm2535) dovuti mill-konvenut lill-attrici rapprezentanti arretrati ta' kera, permessi u licenzji u dan a tenur ta' l-iskrittura ta' bejnithom tat-13 ta' Ottubru, 2001, (kopja annessa Dok. 'A') u dana anke peress illi l-konvenut

iddekada mill-beneficcju tat-terminu billi ma hallas l-ebda somma mill-ammont minnu dovut; u

2. Jghaddi lura lill-attrici 'ice cream counter' 'Kion', fan tas-saqaf u 'display fridge' li kien obbliga ruhu li jirritorna skond l-istess skrittura u dana fiz-zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din il-Qorti, u fin-nuqqas li jaghmel dan fiz-zmien lilu moghti li jigi kkundannat minn din il-Qorti li jhallas lill-attrici s-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) bhala valur ta' l-istess oggetti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Dicembru, 2001, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talbiet attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni, tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tipprefiggi terminu ta' ghaxart (10) ijiem sabiex il-konvenut jirritorna "ice cream counter', fan tas-saqaf u 'display fridge" imsemmija fit-tieni talba u fin-nuqqas tikkundannah ihallas ukoll lill-attrici s-somma addizzjonali ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) bhala valur tal-oggetti fuq msemmija b'ammont totali dovut lill-attrici ta' tlett elef mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm3135), bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Deputat  Registratur